



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**



11735/09 (Presse 207)

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

L-2954 laqgħa tal-Kunsill

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

Brussell, 7 ta' Lulju 2009

President **Is-Sur Anders BORG**
Ministru tal-Finanzi għall-Isvezja

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 5389 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu <http://www.consilium.europa.eu/Newsroom>

11735/09 (Presse 207)

Riżultati Prinċipali tal-Kunsill

*Il-Kunsill fetaħ **proċeduri ta' żbilanċ eċċessiv** għal-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija, u ħareġ rakkomandazzjonijiet dwar miżuri korrettivi li għandhom jittieħdu, u adotta rakkomandazzjoni ġdida dwar miżuri li għandhom jittieħdu mill-Ungerija għall-korrezzjoni tal-iżbilanċ eċċessiv tagħha.*

*Huwa adotta konklużjonijiet dwar il-**proċikliċità**, li huwa t-terminu li ngħata għaż-żieda perċepita ta' varjazzjonijiet fuq swieq finanzjarji volatili. Il-konklużjonijiet jivvalutaw il-ħidma għaddejja bil-għan li jitnaqqsu l-effetti proċikliċi tar-regolamentazzjoni finanzjarja, rigward ħtiġijiet ta' kapital bankarju u l-istandards tal-kontabbiltà, kif ukoll l-iskemi ta' rimunerazzjoni fis-settur finanzjarju.*

*Il-Kunsill adotta programm li jagħti assistenza lis-47 **proġett tal-enerġija** taħt il-pjan Ewropew ta' rilanċ ekonomiku, għal ammont totali ta' EUR 3,98 biljun fl-2009 u l-2010.*

*Huwa għamel ukoll reviżjoni tal-**programmi ta' stabbiltà u konverġenza** ta' numru ta' Stati Membri.*

WERREJ¹

| | |
|---------------------------|----------|
| PARTEĊIPANTI | 5 |
|---------------------------|----------|

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

| | |
|--|----|
| PROGRAMM TA' ĦIDMA TAL-PRESIDENZA | 7 |
| SEGWITU GĦALL-KUNSILL EWROPEW TA' ĠUNJU | 8 |
| TĦEJJIJA GĦAL-LAQGĦAT TAL-G-20 | 9 |
| PROĊIKLIĊITÀ U REGOLAMENTAZZJONI TAS-SERVIZZI FINANZJARJI | 10 |
| PATT TA' STABBILTÀ U TKABBIR | 14 |
| Proċeduri ta' żbilanċ eċċessiv: il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja u r-Rumanija | 14 |
| Aġġornamenti annwali tal-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tal-Istati Membri..... | 15 |
| AFFARIJET OĦRA | 16 |
| Objettivi baġitarji għall-perijodu medju..... | 16 |
| LAQGĦAT FIL-MARĠINI TAL-KUNSILL..... | 17 |

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI*AFFARIJET EKONOMIĊI U FINANZJARJI*

| | |
|--|----|
| — Garanzija lill-BEI għal proġetti barra mill-UE..... | 18 |
| — Kodiċi tal-kondotta għat-tassazzjoni tal-intrapriżi..... | 18 |

ĠUSTIZZJA U AFFARIJET INTERNI

| | |
|---|----|
| — Dritt ċivili - Ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi | 18 |
|---|----|

¹

- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit ta' l-Internet tal-Kunsill <http://www.consilium.europa.eu>.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit ta' l-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju ta' l-Istampa.

POLITIKA TAL-KUMMERĊ

- Miżuri ta' anti-dumping u antisussidju fuq importazzjonijiet ta' bijodiżil mill-Istati Uniti 19
- Regoli tal-UE għal importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi 19

ENERĠIJA

- Pjan Ewropew ta' rilanċ ekonomiku - Proġetti fil-qasam tal-enerġija..... 20

SUQ INTERN

- Vetturi bil-mutur b'żewġ jew tliet roti - Approvazzjoni tat-tip..... 21
- Akkwist pubbliku fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà 21

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

- Estensjoni tal-programmi EGNOS u Galileo għall-Islanda u n-Norveġja 22

POLITIKA DWAR L-IMPJIEGI

- Linji gwida għall-politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri 22

AGRIKOLTURA

- Sistema għall-kummerċ tal-UE fl-ovalbumin u l-lactalbumin..... 23

SAJD

- Miżuri ta' konservazzjoni - Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral 23

TRASPARENZA

- Trasparenza - aċċess pubbliku għal dokumenti..... 23

ĦATRIET

- Kumitat tar-Regġuni..... 24

PROĊEDURA BIL-MIKTUB

- Qorti tal-Prim'Istanza..... 24

PARTEĊIPANTI

Il-Gvernijiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea kienu rappreżentati kif ġej:

Belġju:

Is-Sur Didier REYNERS

Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi u r-Riformi Istituzzjonali

Bulgarija:

Is-Sur Boyko KOTZEV

Rappreżentant Permanenti

Repubblika Ċeka:

Is-Sur Eduard JANOTA

Ministru tal-Finanzi

Danimarka:

Is-Sur Poul Skytte CHRISTOFFERSEN

Rappreżentant Permanenti

Ġermanja:

Is-Sur Peer STEINBRÜCK

Ministru Federali tal-Finanzi

Estonja:

Is-Sur Jürgen LIGI

Ministru tal-Finanzi

Irlanda:

Is-Sur Rory MONTGOMERY

Rappreżentant Permanenti

Greċja:

Is-Sur Ioannis PAPATHANASIOU

Ministru tal-Ekonomija u l-Finanzi

Spanja:

Is-Sinjura Elena SALGADO

Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ekonomija

Franza:

Is-Sinjura Christine LAGARDE

Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi, Finanzi u Impjieggi

Italja:

Is-Sur Giulio TREMONTI

Ministru tal-Ekonomija u l-Finanzi

Ċipru:

Is-Sur Charilaos STAVRAKIS

Ministru tal-Finanzi

Latvia:

Is-Sur Einars REPŠE

Ministru tal-Finanzi

Litwanja:

Is-Sur Rytis MARTIKONIS

Rappreżentant Permanenti

Lussemburgu:

Is-Sur Christian BRAUN

Rappreżentant Permanenti

Ungerija:

Is-Sur Almos KOVÁCS

Segretarju tal-Istat (b'responsabbiltà speċjali), Ministeru tal-Finanzi

Malta:

Is-Sur Tonio FENECH

Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investment

Olanda:

Is-Sur Wouter BOS

Ministru tal-Finanzi, Deputat Prim Ministru

Awstrija:

Is-Sur Josef PRÖLL

Viċi Kanċillier u Ministru Federali tal-Finanzi

Polonja:

Is-Sur Jacek DOMINIK

Viċi Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Finanzi

Portugall:

Is-Sur Fernando TEIXEIRA DOS SANTOS

Ministru tal-Istat, Ministru tal-Finanzi

Rumanija:

Is-Sur Cosmin COMAN

Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Finanzi

Slovenja:

Is-Sur Franc KRIŽANIČ

Ministru tal-Finanzi

Slovakkja:

Is-Sur Peter KAŽIMÍR

Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Finanzi

Finlandja:

Is-Sur Velipekka NUMMIKOSKI

Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Finanzi

Svezja:

Is-Sur Anders BORG

Ministru tal-Finanzi

Is-Sur Per JANSSON

Segretarju tal-Istat għall-Ministru tal-Finanzi

Renju Unit:

Is-Sur Kim DARROCH

Rappreżentant Permanenti

Kummissjoni:

Is-Sur Joaquín ALMUNIA

Membru

Is-Sur Charlie MCCREEVY

Membru

Parteċipanti oħrajn:

Is-Sur Jean-Claude TRICHET

President tal-Bank Ċentrali Ewropew

Is-Sur Philippe MAYSTADT

President tal-Bank Ewropew tal-Investment

Is-Sur Thomas WIESER

Viċi President tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju

Is-Sur Christian KASTROP

President tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

PROGRAMM TA' ĦIDMA TAL-PRESIDENZA

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Presidenza Svediża ta' programm ta' ħidma għall-affarijiet ekonomiċi u finanzjarji għad-durata tal-mandat tagħha, minn Lulju sa Diċembru 2009 (dok. [11444/09](#)). Huwa għamel skambju ta' fehmiet fil-qosor.

Mill-ħarifa li għaddiet, l-ekonomija Ewropea affrontat sfidi mingħajr preċedent. It-taqlib fis-swieq tal-kapital u tal-kreditu, flimkien ma' tnaqqis fid-domanda globali u grad għoli ta' inċertezza, irriżultaw fit-tnaqqis l-aktar serju fir-ritmu ekonomiku mis-snin tletin 'l hawn.

L-UE u l-Istati Membri ħadu azzjoni flimkien sabiex jimmaniġġaw il-kriżi. Ittieħdet firxa wiesgħa ta' miżuri sabiex terġa' tinkiseb il-fiduċja fis-swieq finanzjarji, u l-Kunsill Ewropew qabel dwar pjan ta' rilanċ ekonomiku li taffa l-impatt tal-kriżi fuq it-tkabbir u l-impjiegi. Il-presidenza Svediża ser tkompli ssegwi l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri u ser tkompli tippromwovi aktar miżuri biex jiffaċilitaw irkupru rapidu iżda sostenibbli.

Fir-rigward tal-ħidma tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, il-programm tal-presidenza stabbilixxa l-prijoritajiet li ġejjin:

- it-titjib tas-superviżjoni u r-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji;
- l-istabbiliment mill-ġdid ta' finanzi pubbliċi b'saħħithom;
- l-indirizzar tal-isfidi tas-suq tal-impjiegi;
- it-tisħiħ mill-ġdid tal-istrateġija ta' Lisbona tal-UE għat-tkabbir u l-impjiegi wara l-2010;
- l-avvanzar tan-negozjati internazzjonali dwar il-klima.

Kwistjoni oħra ta' prijetà hija l-ħidma ta' tħejjija għas-summit tal-G-20 li ser isir f'Pittsburgh (l-Istati Uniti) fl-24 u l-25 ta' Settembru.

SEGWITU GĦALL-KUNSILL EWROPEW TA' ĠUNJU

Il-Kunsill ikkunsidra s-segwitu li għandu jingħata lil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju, partikolarment fir-rigward tas-superviżjoni tas-servizzi finanzjarji u l-finanzjament internazzjonali ta' miżuri għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

Fit-18 u d-19 ta' Ġunju, il-Kunsill Ewropew qabel dwar struttura superviżorja ġdida li għandha tkun introdotta fuq livell Ewropew, ispirata mill-ħidma tal-grupp ta' riflessjoni ta' livell għoli ppreseduta minn Jacques de Larosière¹. Il-qafas il-ġdid għandu l-għan li jsaħħaħ is-sistema ta' superviżjoni u jerġa' jibni l-fiduċja fis-sistema finanzjarja wara l-kriżi finanzjarja globali. Dan jinvolve l-ħolqien ta' Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku sabiex jivvaluta kontinwament l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fl-intier tagħha, u tliet awtoritajiet ta' superviżjoni sabiex jittrattaw l-industrija bankarja, tal-assigurazzjoni u tat-titoli ta' sigurtà, b'ħidma f'network mas-superviżuri nazzjonali.

Il-Kummissjoni mistennija tippreżenta proposti leġislattivi fil-bidu tal-ħarifa sabiex jiġi stabbilit il-qafas il-ġdid.

Il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju kkonferma wkoll l-oġettivi għan-negozjar f'Kopenhagen f'Diċembru ta' ftehim globali u komprensiv ġdid dwar il-klima għall-perijodu wara l-2012. L-isforzi li qed tistenna l-UE kemm mill-pajjiżi żviluppati kif ukoll minn dawk li qed jiżviluppaw jinsabu fil-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tad-9 ta' Ġunju.

Il-Kunsill Ewropew laqa' l-intenzjoni tal-presidenza li jmiss li tiżviluppa programm ta' ħidma, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni.

¹ Ex direttur manigjerjali tal-Fond Monetarju Internazzjonali.

THEJJJA GĦAL-LAQGĦAT TAL-G-20

Il-Kunsill kien infurmat mill-presidenza dwar l-intenzjonijiet tagħha sabiex titratta t-thejjja għal-laqgħat tal-G-20 li ser isiru f'Settembru. Kien infurmat ukoll dwar l-eżitu ta' laqgħa tad-deputat ministri tal-finanzi tal-G-20 fis-27 u t-28 ta' Ġunju.

Il-Kunsill għamel skambju ta' fehmiet fil-qosor.

Hija ppjanata laqgħa bejn il-ministri tal-finanzi tal-G-20 u l-gvernaturi tal-banek ċentrali għat-3 u l-4 ta' Settembru, sabiex isiru t-tħejjijiet għal-laqgħa tal-kapijiet tal-G-20 li ser issir f'Pittsburgh (l-Istati Uniti) fl-24 u l-25 ta' Settembru, bħala parti minn proċess għaddej immirat tinkiseb mill-ġdid l-fiduċja ekonomika u l-istabbiltà finanzjarja fid-dinja kollha.

Is-summit ta' Pittsburgh ser ilaqqa' flimkien il-kapijiet tal-istat u l-gvernijiet tal-ekonomiji żviluppati u emerġenti tad-dinja, kif ukoll ir-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali. Huwa ser ikun ta' segwitu għas-summit li sar f'Washington f'Novembru 2008, li kien l-ewwel laqgħa tal-G-20 li saret fil-livell l-aktar għoli, u tas-summit li sar f'Londra f'April.

Il-ministri tal-finanzi tal-UE ser ikollhom laqgħa informali waqt l-ikel ta' nofsinhar fi Brussell fit-2 ta' Settembru, sabiex iħejju għal-laqgħat tal-G-20.

PROĊIKLIĊITÀ U REGOLAMENTAZZJONI TAS-SERVIZZI FINANZJARJI

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar mezzi kif titnaqqas il-proċikliċità fuq swieq finanzjarji, fid-dawl ta' rapport mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju ([11479/09](#)).

Proċikliċità huwa t-terminu li ngħata għaż-żieda perċepita ta' varjazzjonijiet fuq swieq volatili. Id-diskussjoni ffukat fuq l-effetti proċikliċi possibbli tar-regolamentazzjoni, partikolarment il-ħtiġijiet ta' kapital tal-banek u l-istandards tal-kontabbiltà, kif ukoll l-iskemi ta' rimunerazzjoni fis-settur finanzjarju.

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

- "1. Bħala segwitu għall-Ecofin Informali ta' Settembru 2008, il-KEF ta mandat lil Grupp ta' Ħidma dwar il-proċikliċità (WGPC) biex jikkontribwixxi għall-ħidma kurrenti fil-livell internazzjonali u, fost l-oħrajn, jiddetermina kif u b'liema għodod l-UE tkun tista' tieħu kont ta' kwistjonijiet identifikati mill-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja (FSB) u jirrifletti dwar l-iżvilupp tal-orjentazzjoni makroprudenzjali fis-sorveljanza. Id-WGPC issa ffinalizza r-Rapport tiegħu, li jippreżenta risposti potenzjali ta' politika biex titnaqqas il-proċikliċità fis-settur finanzjarju. Sadanittant, id-Dikjarazzjoni tas-summit tal-G-20 ta' Novembru 2008 stiednet lill-korpi internazzjonali biex jindirizzaw il-proċikliċità, billi jimmitigawha fil-politika regolatorja u jirvedu wkoll il-modi li fihom il-valutazzjoni u l-leverage, il-kapital bankarju, l-iskemi ta' kumpens u l-prattiki ta' proviżjonament jistgħu jaggravaw tendenzi ċikliċi. Dawn l-oġettivi ttennew fl-aħħar Summit tal-G-20 f'April 2009 u kienu ssottolinjati mill-Kunsill Ewropew tat-18-19 ta' Ġunju 2009.
2. Il-Kunsill JILQA' r-rapport tad-WGPC, li jiffoka fuq erba' risposti prinċipali ta' politika bil-għan li jitnaqqsu l-effetti proċikliċi potenzjali tar-regolamentazzjoni finanzjarja u jiġu żviluppati miżuri kontroċikliċi, jiġifieri: i) il-monitoraġġ ta' riskji fis-sistema kollha; ii) il-bini ta' buffers kontroċikliċi permezz ta' kapital u proviżjoni ; iii) it-titjib ta' regoli tal-kontabbiltà, u iv) l-istabbiliment ta' qafas sod għal skemi ta' rimunerazzjoni. Ir-rapport jiffoka fuq l-iżvilupp ta' approċċ makroprudenzjali, b'diversi mezzi inkluż l-bini ta' stabbilizzaturi awtomatiċi fir-regolament u l-provvista ta' informazzjoni aħjar abbażi ta' miżuri u bidliet superviżorji diskrezzjonali fir-regolamentazzjoni permezz ta' monitoraġġ imtejjeb.

3. Il-Kunsill JAQBEL dwar il-ħtieġa li jkunu mmonitorati riskji tas-sistema kollha u li jkun żgurat li l-għodod u l-metodi adatti jkunu attwati biex jiġi żviluppat aktar monitoraġġ makroprudenzjali. Il-Kunsill JENFASIZZA li tali approċċ ser ikun effettiv biss jekk ir-rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq tali monitoraġġ jinbidlu f'azzjonijiet ta' politika konkreti fejn adatt. Il-BERS (Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku), li ser jiġi stabbilit wara l-gwida li waslet mill-Ecofin u l-Kunsill Ewropew ta' Ġunju, ser ikollu rwol importanti f'dan ir-rigward.
4. Il-Kunsill JAQBEL li l-assenza ta' buffers kontroċikliċi u n-nuqqas ta' flessibbiltà tar-regoli ta' kontabbiltà li jippermettu proviżjonament tul iċ-ċikli kienu fatturi importanti fl-amplifikazzjoni tal-kriżi finanzjarja. Il-Kunsill JISSOTTOLINJA l-urġenza u l-importanza li dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati.
5. Il-Kunsill JAPPOĠĠA l-introduzzjoni ta' proviżjonament li jħares 'il quddiem, li jikkonsisti f'li jiġu kkostitwiti proviżjonamenti mnaqqsa minn profitti fi żminijiet pożittivi għal telf mistenni fuq portafolli ta' self, u li jikkontribwixxu biex tiġi limitata l-proċikliċità (inkluż l-iżvilupp ta' mudelli għal proviżjonament dinamiku). Standards ta' kontabbiltà, bħall-IFRS, attwalment ma jippermettux ir-rikonoxximent ta' telf mistenni. Sa Ottubru 2009, l-IASB ser jippubblika abbozz tal-espożizzjoni li tittratta l-kwistjoni tal-proviżjonament, inkluża l-konsiderazzjoni ta' mudell ta' telf mistenni. Marġni għar-rikonoxximent ta' telf mistenni jiżgura l-akkumulazzjoni ta' proviżjonamenti fi żminijiet pożittivi, li jistgħu jintużaw fi żminijiet ta' kriżi; jikkontribwixxi għal valutazzjoni aħjar tal-profitti reali fi żminijiet pożittivi; jaġġusta inċentivi maniġerjali fir-rigward tar-rimunerazzjoni, jagħmel l-investuri aktar konxji tar-riskji sottostanti u jtejjeb aktar il-konsistenza bejn ir-regoli ta' kontabbiltà u dawk prudenzjali. F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tas-Summit tal-G-20 ta' Londra u l-appelli mis-superviżuri bankarji u l-FSB lil dawk li jistabbilixxu l-istandards, il-Kunsill għalhekk JIKKUNSIDRA li dawk li jistabbilixxu l-istandards għandhom jagħtu prijorità lill-emendar tar-regoli kurrenti ta' kontabbiltà u jippermettu għal aktar flessibbiltà għall-proviżjonament ta' telf mistenni.

6. Filwaqt li l-applikazzjoni ta' tali proviżjonament ser tkun pass importanti 'il quddiem, tista' ma tkunx biżżejjed peress li l-proviżjonament għal telf fil-portafoll ta' self jista' ma jkunx kbir biżżejjed u jeħtieġu wkoll buffers kontra l-varjazzjonijiet fil-valur tal-assi finanzjarji. Il-Kunsill għalhekk JAQBEL li tenħtieġ aktar ħidma biex tiġi mmitigata l-proċikliċità billi jinħolqu buffers ta' kapital kontroċikliċi, jiġifieri li għandhom jiżdiedu fi żminijiet pożittivi u jitnaqqsu fi żminijiet ta' kriżi. Hu importanti li l-buffers kontroċikliċi ma jkunux ipperċepiti bħala livelli ta' kapital minimu ġodda meta l-kondizzjonijiet jiddeterjoraw u li ma jgħoddux lejn kapital regulatorju eliġibbli, biex fi żminijiet ta' kriżi l-banek ikunu jistgħu jisfruttaw buffers mibnija qabel fi żminijiet pożittivi. Il-KESB, is-CEIOPS u l-Kumitat ta' Basel qed jaħdmu fuq proposti. Il-Kunsill JILQA' wkoll l-isforzi previsti mill-Kummissjoni bil-ħsieb li jiġu introdotti sistemi metriċi sempliċi u mingħajr riskju li jistgħu jillimitaw tkabbir insostenibbli tal-karta tal-bilanċ u jgħinu fl-indirizzar tal-proċikliċità.
7. Filwaqt li huma rikonoxxuti l-benefiċċji tal-prinċipju tal-valur ġust, il-kriżi enfasizzat li l-valutazzjoni attwali ta' ċerti assi finanzjarji (fil-portafoll ta' negozjar) tista' tissottovaluta r-riskji fi żminijiet pożittivi u teżagħrahom fi żminijiet ta' kriżi, pereżempju meta 1) l-istrumenti finanzjarji mhux adatti għall-valur ġust jingħataw valur ġust, 2) il-prezzijiet tas-suq jintużaw meta s-swieq ma jkollohomx likwidità u 3) il-prezzijiet immodellati jiddependu wisq mill-prezzijiet tas-suq mingħajr likwidità. Il-valutazzjoni fil-prezz kurrenti tas-suq ta' ħafna kategoriji ta' strumenti finanzjarji għandhom jiġu riveduti u aġġustati kif adatt, partikolarment b'kont meħud tal-inċertezza tal-valutazzjonijiet, ir-realtà tal-mudell kummerċjali tal-banek, l-orizzonti tal-ishma u l-likwidità reali tas-swieq. Il-Kunsill JAPPOĠĠA tali fehmiet u l-oġettiv ta' emenda tar-regoli rilevanti tal-kontabbiltà, u jfakkar ukoll fl-oġettiv li jinkiseb sett uniku ta' standards fil-livell globali u tat-titjib tal-governanza tal-proċess tal-istabbiliment tal-istandards.
8. Il-Kunsill JILQA' l-impenn mill-IASB biex jirrevedi minnufih r-regoli tal-kontabbiltà dwar l-istrumenti finanzjarji danneġġati. Għal dan il-għan, u biex ikun żgurat trattament ekwivalenti mal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Uniti, il-Kunsill IĦEĠĠEĠ lill-IASB biex jemenda l-IAS39 malajr u fil-ħin għat-tħejjija tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' tmiem l-2009, inklużi l-kwistjonijiet kollha identifikati mill-Kummissjoni f'Ottubru 2008. Barra minn hekk, il-Kunsill IĦEĠĠEĠ lill-IASB biex iwettaq eżami aktar komprensiv tal-IAS39, bħala t-tieni pass, b'kont meħud tal-oġettiv li tinkiseb konverġenza globali dwar kontabbiltà għal strumenti finanzjarji, kif rifless fil-communiqué tal-G-20.

9. Il-Kunsill JIRRIKONOXI li l-iskemi tar-rimunerazzjoni ta' ditti finanzjarji kienu sors ta' proċikliċità, minħabba inċentivi mhux adatti, viżjoni fuq medda ta' żmien qasir u l-qbid inadegwat tar-riskju. Il-Kunsill JILQA' l-ħidmiet imwettqa fil-livell internazzjonali mill-FSB, kif ukoll l-prinċipji ta' livell għoli tal-KESB għall-politika ta' rimunerazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet reċenti tal-Kummissjoni. Il-Kunsill IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jimplimentaw dawn ir-rakkomandazzjonijiet bil-ħsieb li jiġi indirizzati tali nuqqasijiet, billi tissaħħaħ ir-rabta bejn il-prestazzjoni u l-ħlas, billi jiġi promoss bilanċ bejn il-kriterji ta' prestazzjoni fit-tul u fil-qosor u billi tissaħħaħ il-governanza tal-proċess ta' rimunerazzjoni. JINNOTA l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta emendi għad-Direttiva dwar il-Ħtiġijiet ta' Kapital (CRD) dwar ir-rimunerazzjoni fis-settur bankarju, li għandha tkun f'konformità sħiħa mal-ħidmiet kurrenti fil-livell internazzjonali.
10. Lil hinn mill-miżuri li jimmiraw għall-prevenzjoni ta' proċikliċità futura fis-swieq finanzjarji, il-Kunsill hu konxju tal-ħtieġa li jibqgħu jiġu żviluppati miżuri għal perijodu qasir biex tintegħleb il-kriżi attwali. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaċċelleraw il-ħidma tagħhom u jwettqu progress rapidu fil-ġlieda kontra l-effetti proċikličii tal-istandards regolatorji, pereżempju fir-rigward tal-ħtiġijiet tal-kapital u tal-assi danneġġati.
11. Il-Kunsill JISTIENEN lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta proposti biex jiġu segwiti dawn l-oġettivi u tiġi indirizzata l-proċikliċità, b'koordinazzjoni mal-iżviluppi kurrenti fil-livell internazzjonali."

PATT TA' STABBILTÀ U TKABBIR

Proċeduri ta' żbilanċ eċċessiv: il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja u r-Rumanija

Il-Kunsill fetaħ proċeduri ta' żbilanċ eċċessiv għal-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija, u ħareġ rakkomandazzjonijiet dwar miżuri korrettivi li għandhom jittieħdu, u ħareġ rakkomandazzjoni riveduta lill-Ungerija dwar miżuri li għandhom jittieħdu għall-korrezzjoni tal-iżbilanċ eċċessiv tagħha.

Huwa adotta d-deċiżjonijiet, taħt l-Artikolu 104(6) tat-trattat, dwar l-eżistenza ta' żbilanċi eċċessivi tal-gvernijiet fil-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija, li fl-2008 kienu jaqbżu l-valur ta' referenza ta' 3 % stabbilit mit-trattat għall-proporzjon tal-iżbilanċ mal-prodott domestiku gross (PDG).

Huwa adotta rakkomandazzjonijiet, taħt l-Artikolu 104(7) tat-trattat, dwar azzjoni li għandha tittieħed mill-ħames Stati Membri sabiex iġibu l-iżbilanċi tagħhom lura taħt il-livell minimu ta' 3 % tal-PDG, kif ukoll ir-reviżjoni tal-iskeda ta' żmien għall-korrezzjoni tad-defiċit tal-Ungerija. L-Ungerija diġà hija is-suġġett ta' proċedura ta' defiċit eċċessiv.

Fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu, il-Kunsill stabbilixxa s-7 ta' Jannar 2010 bħala skadenza għal kull wieħed mis-sitt Stati Membri biex jieħdu azzjoni korrettiva.

Abbażi tal-viżjoni pprovduta mill-Kummissjoni fil-previżjonijiet ekonomiċi tagħha tar-rebbiegħa 2009, il-Kunsill jappella lil-Latvja sabiex tnaqqas id-defiċit tagħha taħt il-livell minimu ta' 3 % tal-PDG sal-2012, il-Litwanja tagħmel dan sal-2011, Malta sal-2010, l-Ungerija sal-2011, il-Polonja sal-2012 u r-Rumanija sal-2011.

L-Ungerija kienet is-suġġett ta' proċedura ta' baġit eċċessiv minn Lulju 2004, meta l-Kunsill ħareġ ukoll rakkomandazzjoni taħt l-Artikolu 104(7) tat-trattat. Il-Kunsill ħareġ aktar rakkomandazzjonijiet tal-Artikolu 104(7) f'Marzu 2005 u f'Ottubru 2006.

Ir-rakkomandazzjoni ta' Ottubru 2006 stabbiliet miżuri għall-korrezzjoni tal-iżbilanċ tal-Ungerija sal-2009. Madankollu, bil-ħsieb taż-żminijiet ta' kriżi ekonomika, ir-rispett ta' din il-mira m'għadux ikkunsidrat bħala realistiku.

Għal aktar dettalji, ara l-istqarrija għall-istampa [11744/09](#).

Aġġornamenti annwali tal-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tal-Istati Membri

Il-Kunsill adotta opinjonijiet dwar numru ta' aġġornamenti annwali tal-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tal-Istati Membri.

L-opinjonijiet huma relatati ma':

- programmi ta' stabbiltà aġġornati ppreżentati mill-Belġju ([9235/09](#)), l-Awstrija ([9157/09](#)) u s-Slovenja ([9677/09](#)), u programm ta' stabbiltà ppreżentat mis-Slovakkja ([9844/09](#));
- programm ta' konverġenza aġġornat ippreżentat mir-Rumanija (dok. [11375/09](#)).

Taħt il-patt ta' stabbiltà u tkabbir tal-UE, l-Istati Membri li għandhom l-euro bħala l-munita tagħhom huma meħtieġa jimplimentaw programmi ta' stabbiltà, u daww li ma jipparteċipawx fil-munita unika biex jimplimentaw programmi ta' konverġenza. L-għan huwa li jkunu żgurati finanzi tal-gvern sodi bħala mezz ta' tisħiħ tal-kondizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir sostenibbli li jwasslu għall-ħolqien tal-impjiegi.

L-opinjonijiet tal-Kunsill jinsabu fid-dokumenti li ġejjin: il-Belġju ([11627/09](#)), l-Awstrija ([11628/09](#)), ir-Rumanija ([11631/09](#)), is-Slovakkja ([11630/09](#)) u s-Slovenja ([11629/09](#)).

AFFARIJJIET OĦRA**Objettivi baġitarji għall-perijodu medju**

Il-Kunsill ħa nota tal-kwistjonijiet li tqajjmu mill-ministru Sloven rigward metodoloġija li għandha tintuża mill-Istati Membri minn din il-ħarifa meta jistabbilixxu l-objettivi għall-perijodu medju għall-baġits nazzjonali tagħhom.

Il-metodoloġija l-ġdida kienet ġiet mitluba fil-kodiċi ta' kondotta tal-2005 dwar l-implimentazzjoni tal-patt ta' stabbiltà u tkabbir tal-UE, sabiex ikun żgurat li l-istrateġiji baġitarji tal-Istati Membri jirriflettu ħtiġijiet reali għall-perijodu medju, billi jikkunsidraw mhux biss il-livelli tad-dejn iżda wkoll responsabbiltajiet impliċiti, speċjalment spejjeż relatati mal-popolazzjonijiet li qed jixjieġu, partikolarment infiq projettati tal-kura tas-saħħa u tal-pensjoni.

LAQGĦAT FIL-MARĠINI TAL-KUNSILL

Il-laqgħat li ġejjin saru fil-marġini tal-Kunsill:

– ***Eurogrupp***

Il-ministri tal-Istati Membri taż-żona tal-euro attendew laqgħa tal-eurogrupp fis-6 ta' Lulju.

– ***Laqgħa waqt il-kolazzjon***

Il-Ministri attendew laqgħa waqt il-kolazzjon, fejn iddiskutew ir-riżorsi tal-Fond Monetarju Internazzjonali, partikolarment fl-"arranġamenti ġodda għas-self". Huma ħadu nota wkoll tal-progress dwar il-Marguerite Fund, fond Ewropew ta' ishma għall-enerġija, it-tibdil fil-klima u l-infrastruttura li ser jitnieda mill-Bank Ewropew tal-Investment u minn istituzzjonijiet finanzjarja oħra, kif ukoll il-qafas ta' investment tal-UE għall-Balkani tal-Punent.

– ***Laqgħa tal-ministri tal-finanzi tal-Unjoni għall-Mediterran***

Il-Ministri ingħaqdu mal-kontropartijiet tagħhom tal-Mediterran għal laqgħa ministerjali tal-Unjoni għall-Mediterran. Huma kellhom skambju ta' fehmiet dwar miżuri biex jindirizzaw l-effetti tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, u dwar l-aġendi tar-riforma tal-pajjiżi tal-UE u tal-Mediterran, u adottaw konklużjonijiet konġunti.

– ***Laqgħa ministerjali matul l-ikla ta' nofsinhar tal-Faċilità Ewro-Mediterranja ta' Investment u Sħubija***

Saret laqgħa tal-Faċilità Ewro-Mediterranja ta' Investment u Sħubija (FEMIP) waqt l-ikla ta' nofsinhar bejn il-Ministri u l-kontropartijiet tagħhom tal-Mediterran. Huma eżaminaw abbozz ta' pjan operazzjonali ta' tliet snin, inkluż il-kontribut tal-FEMIP għal prijoritajiet stabbiliti mill-Unjoni għall-Mediterran, u ddiskutew l-għażliet għall-istruttura ta' laqgħat futuri tal-komitat tal-FEMIP.

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

Garanzija lill-BEI għal proġetti barra mill-UE

Il-Kunsill adotta deċiżjoni dwar l-għotja ta' garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) kontra telf minn self u garanziji ta' self għall-proġetti barra mill-Komunità ([3620/09](#)), wara ftehim fl-ewwel qari mal-Parlament Ewropew.

Il-garanzija tal-UE ser tkopri operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI ffirmati matul il-perijodu li jibda' mill-1 ta' Frar 2007 u jintemm fil-31 ta' Ottubru 2011, sa ammont globali ta' EUR 27,8 biljun.

Kodiċi tal-kondotta għat-tassazzjoni tal-intrapriżi

Il-Kunsill ħa nota ta' rapport mill-grupp dwar il-kodiċi tal-kondotta għat-tassazzjoni tal-intrapriżi u stieden lill-grupp sabiex jirrapporta lura sat-tmiem tal-presidenza Svediża.

ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI

Dritt ċivili - Ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi

Il-Kunsill adotta regolamenti li jistabbilixxu proċeduri għan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet bilaterali bejn Stati Membri u pajjiżi terzi dwar:

- il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi u deċiżjonijiet f'materji matrimonjali, materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri u materji marbuta mal-obbligi ta' manteniment, u l-liġi applikabbli f'materji marbuta mal-obbligi ta' manteniment ([9987/09](#)); u
- il-liġi applikabbli f'obbligazzjonijiet kuntrattwali u mhux kuntrattwali ([3655/09](#) u [11191/1/09 ADD1](#)).

Ir-regolamenti jawtorizzaw lil kull Stat Membru tal-UE biex jemenda ftehim eżistenti jew jinnegozja u jikkonkludi ftehim ġdid ma' pajjiż terz f'ċerti oqsma tal-ġustizzja ċivili permezz ta' arranġament funzjonali u ssemplifikat, waqt li jiżgura li l-"acquis communautaire" huwa salvagwardat.

L-adozzjoni tar-regolamenti ssegwi ftehimiet milħuqa mill-Kunsill fil-5 ta' Ġunju (*stqarrija għall-istampa* [10697/09](#)).

POLITIKA TAL-KUMMERĊ

Miżuri ta' anti-dumping u antisussidju fuq importazzjonijiet ta' bijodiżil mill-Istati Uniti

Il-Kunsill adotta regolamenti li jimponu dazji anti-dumping ([11084/09](#)) u dazji ta' kumpens ([11080/09](#)) fuq importazzjonijiet fl-UE ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti.

Ir-regolamenti jagħmlu definittivi, għal perijodu ta' ħames snin, miżuri proviżorji stabbiliti f'Marzu 2009¹ bil-għan li jikkompensa għall-preġudizzju li jsufri minnu l-produtturi Komunitarji.

Il-miżuri ħarġu minn investigazzjoni tal-Kummissjoni li kkonkludiet li bijodiżil mill-Istati Uniti inbiegħ fl-UE taħt il-prezz normali u bbenefika minn sussidji tal-istat, u b'hekk ikkawża ħsara lill-produtturi Ewropej. Il-proċedimenti li wasslu għall-adozzjoni tar-regolamenti kienu nfetħu bħala riżultat ta' lment li għamel il-Bord Ewropew tal-Bijodiżil f'isem l-industrija Komunitarja.

Ir-rati tad-dazju anti-dumping ser ivajraw bejn EUR 68,60 għal kull tunnellata u EUR 198 għal kull tunnellata netta. Ir-rati tad-dazju ta' kumpens ser ivajraw bejn EUR 211,20 għal kull tunnellata u EUR 237 għal kull tunnellata netta.

Regoli tal-UE għal importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi

Il-Kunsill adotta verżjoni kodifikata ta' regolament li jistabbilixxi regoli tal-UE għal importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi ([10347/09](#)).

Ir-regolament il-ġdid jissostitwixxi d-diversi atti inkorporati fir-regolament 519/94, filwaqt li jippreżerva bis-sħiħ il-kontenut tagħhom.

¹ Ġurnal Uffiċjali L 67 tat-12.3.09.

ENERĠĠJA**Pjan Ewropew ta' rilanċ ekonomiku - Proġetti fil-qasam tal-enerġija**

Il-Kunsill adotta regolament li jistabbilixxi programm ta' għajnuna għar-rilanċ ekonomiku bl-għoti ta' assistenza finanzjarja Komunitarja għal proġetti fil-qasam tal-enerġija, waqt li approva l-emendi kollha tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew ([3659/09](#), [11318/09](#) *ADDI REV1*).

Ir-regolament huwa parti mill-pjan Ewropew ta' rilanċ ekonomiku approvat mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2008 ([17271/08](#)) bi tweġiba għall-kriżi finanzjarja u r-rallentament ekonomiku globali. Il-pjan jipprovdli qafas għall-miżuri meħuda minn kull Stat Membru b'rispons għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tiegħu, u jidentifika numru ta' azzjonijiet li għandhom jittieħdu fil-livell tal-UE.

Ir-regolament huwa mfassal sabiex jgħin ir-rilanċ ekonomiku fl-UE, jiffaċċja l-ħtiġijiet tas-sigurtà tal-enerġija u jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra permezz taż-żieda fl-infiq f'setturi strateġiċi.

Huwa jelenka 47 proġett u l-kontribut tal-Komunità għal kull wieħed minnhom, b'pakkett finanzjarju totali għall-implimentazzjoni fl-2009 u l-2010 ta' EUR 3 980 miljun, maqsumin kif ġej:

18-il proġett għall-infrastruttura tal-gass: EUR 1 440 miljun;

9 proġetti għall-infrastruttura tal-elettriċità: EUR 910 miljun;

2 proġetti għall-ġzejjir żgħar: EUR 15-il miljun;

5 proġetti għall-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta: EUR 565 miljun;

13-il proġett għall-qbid u l-ħżin tal-karbonju: EUR 1 050 miljun.

Għal kull wieħed minn dawn il-proġetti, ser ikunu ppreżentati proposti speċifiċi - partikolarment għall-implimentazzjoni tal-proġett fil-post - lill-kumitati amministrattivi li ser jikkontrollaw jekk il-proposti jissodisfawx kriterji ta' selezzjoni stabbiliti fir-regolament, li minnhom l-aktar importanti huma l-maturità tal-proġett u n-nuqqas ta' aċċess għal finanzi. Minħabba l-ħtieġa urġenti għall-istimolu, kull impenn legali individwali li jimplimenta l-impenji baġitarji magħmula fl-2009 u fl-2010 ser isir sal-31 ta' Diċembru 2010.

Ir-regolament ser jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali.

SUO INTERN**Vetturi bil-mutur b'żewġ jew tliet roti - Approvazzjoni tat-tip**

Il-Kunsill adotta verżjonijiet kodifikati tad-direttivi li japplikaw għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ jew tliet roti, għall-iskopijiet tal-kjarifikazzjoni u s-semplifikazzjoni tagħhom.

Id-direttivi jikkonċernaw l-imqabad tal-idejn għall-passiġġieri ([3626/08](#)) u stands ([3625/08](#)) ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti, kif ukoll l-identifikazzjoni ta' kontrolli, tell-tales u indikaturi għal vetturi bil-mutur b'żewġ jew bi tliet roti ([3629/08](#)).

Akkwist pubbliku fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà

Il-Kunsill adotta direttiva dwar l-akkwist fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà bil-għan li s-swieq tad-difiża tal-UE isiru aktar kompetittivi u l-attività ssir aktar bil-miftuħ ([3609/09](#) u [11134/3/09](#) ADD I REV 3).

Id-direttiva ser tnaqqas il-frammentazzjoni regolatorja attwali f'dan il-qasam u żżid il-kompetizzjoni u t-trasparenza, biex b'hekk tippermetti lill-kumpanniji Ewropej, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, sabiex jagħmlu offerti għal kuntratti fl-UE kollha.

Taħt ir-regoli armonizzati l-ġodda li huma applikabbli għall-akkwist ta' armi, munizzjon u materjal tal-gwerra, każijiet eċċezzjonali fejn l-Istati Membri jistgħu japplikaw restrizzjonijiet biex l-aċċess għal offerti għal kuntratti pubbliċi jkun limitati għal ċerti każijiet, bħal dawk li jaffettwaw l-interessi tas-sigurtà nazzjonali tagħhom. Ir-regoli l-ġodda jieħdu kont tal-aspetti speċifiċi tas-suq, jiġifieri s-sigurtà tal-provvista u s-sigurtà tal-informazzjoni.

Id-direttiva ser tapplika għal kuntratti b'valur stmat li huwa mhux inqas minn EUR 412 000 għal kuntratti ta' provvista u servizz u EUR 5 150 000 għal kuntratti ta' xogħolijiet.

Hija tingħaqad ma' direttiva dwar is-simplifikazzjoni tat-trasferimenti fl-UE ta' prodotti tad-difiża, adottata mill-Kunsill fit-23 ta' April (*stqarrija għall-istampa* [8713/09](#), *paġna 20*).

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

Estensjoni tal-programmi EGNOS u Galileo għall-Islanda u n-Norveġja

Il-Kunsill approva abbozz ta' deċiżjoni li tinkorpora r-regolament bażiku tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo) fil-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), u qabel li jgħaddih lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għall-adozzjoni ([10686/09](#)).

It-test għandu l-għan li jippermetti lin-Norveġja u l-Islanda jipparteċipaw fl-attivitajiet kollha tal-EGNOS u l-Galileo. Madanakollu, minħabba raġunijiet ekonomiċi, il-parteeipazzjoni tal-Islanda fil-programmi ġiet sospiża temporanjament. Huwa ppjanat li d-deċiżjoni tapplika retroattivament, mill-1 ta' Jannar 2009.

POLITIKA DWAR L-IMPJIEGI

Linji gwida għall-politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tistabbilixxi linji gwida għall-2009 għal-linji ta' politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri ([10421/09](#)).

Minkejja l-kriżi ekonomika, il-Kunsill iddeċieda li jżomm l-linji gwida adottati s-sena l-oħra peress li huma jservu wkoll bħala għodda biex jintlaqgħu l-isfidi immedjati taż-żieda tal-qgħad u l-esklużjoni soċjali (pereżempju b'linji ta' politika ta' flessigurtà biex jiġu ffaċilitati t-transizzjonijiet għax-xogħol, it-tqabbil ta' dawk qegħda mal-impjiegi disponibbli, u l-aġġornament tal-ħiliet).

Barra minn hekk, il-linji gwida jinkoraġġixxu lill-Istati Membri jagħmlu riformi strutturali li għandhom jgħinu fl-irkupru mill-kriżi.

AGRIKOLTURA

Sistema għall-kummerċ tal-UE fl-ovalbumin u l-lactalbumin

Il-Kunsill adotta verżjoni kodifikata tar-regolament dwar is-sistema komuni għall-kummerċ fl-ovalbumin u l-lactalbumin ([10357/09](#)). Ir-regolament il-ġdid jissostitwixxi d-diversi atti inkorporati fir-regolament 2783/75, filwaqt li jippreżerva bis-sħiħ il-kontenut tagħhom.

SAJD

Miżuri ta' konservazzjoni - Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral

Il-Kunsill adotta regolament li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-żona regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO) ([10150/09](#)).

It-test jemenda r-regolament 1386/2007 u jieħu kont tal-modifiki lill-miżuri ta' konservazzjoni u infurzar adottati min-NAFO fit-30 laqgħa annwali tagħha li saret f'Settembru 2008. L-emendi huma relatati ma' dispożizzjonijiet dwar is-sajd tal-qiegħ, żoni magħluqa biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-għoljiet fil-baħar, ħtiġijiet ta' tikkettjar u miżuri addizzjoni tal-istat tal-port.

TRASPARENZA

Trasparenza - aċċess pubbliku għal dokumenti

Il-Kunsill adotta:

- it-tweġiba għall-applikazzjoni ta' konferma 16/c/01/09 magħmula mis-Sur Christian SYRIER, bid-delegazzjoni Olandiża, Finlandiża u Svediża jivvutaw kontra (dok [10539/09](#));
- it-tweġiba għall-ittra mibgħuta lill-Kunsill mill-Ombudsman Ewropew dwar l-ilment 1170/2009/KM magħmul mis-Sur Klaus-Dieter SOHN (dok. [11012/09](#)).

ĦATRIET

Kumitat tar-Reġjuni

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li taħtar għall-bqija tal-mandat preżenti, li jibqa' sejjer sal-25 ta' Jannar 2010

a) bħala membri:

- Is-Sur Geert BOURGEOIS, Vlaams Volksvertegenwoordiger (tibdil fil-mandat),
- Is-Sur Luc VAN DEN BRANDE, Voorzitter Vlaams-Europees Verbindingsagentschap (tibdil fil-mandat),
- Is-Sur Gilbert BOSSUYT, burgemeester Menen (tibdil fil-mandat),
- Is-Sur Patrick LACHAERT, gemeenteraadslid Merelbeke (tibdil fil-mandat),

b) bħala membru supplenti:

- Is-Sur Marc VAN DEN ABELEN, burgemeester van Aartselaar (tibdil fil-mandat),

PROĊEDURA BIL-MIKTUB

Qorti tal-Prim'Istanza

Il-Kunsill approva l-emendi għar-regoli ta' proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza.
